MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Numru 43/2013

Il-Pulizija
(Spettur Frankie Sammut)

vs

Priscilla Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 240876M, akkuzata talli fil-25 ta' Novembru 2011 u/jew fil-perjodu ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. minghajr awtorizazzjoni ghamlet output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-'computer' li kienu qed jinzammu fih sew jekk dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor.
2. uzat kodici ta' dhul, password, isem l-utent indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew

informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra fil-‘computer’.
(Kap 9 Artikolu 337C(b)(i))

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insistiet fuqha anka wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Rat il-fedina netta tal-imputata u hadet konjizzjoni tal-istqarrija minnha rilaxxjata. Rat l-Artikolu 377C(b)(i) tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabbilitajiet taghha skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------